Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14505/23

CES 49

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mir-Rumanija, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<br>- Adozzjoni |

1. Permezz ta' ittra[1] datata 13 ta' Marzu 2023, il-President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) informa lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Cristian Mihai ENESCU, membru tal-KESE.

2. Permezz ta' ittra datata[2] 13 ta' Settembru 2023, il-Gvern Rumen ippropona lis-Sa Corina-Andreea MURAFA-BENGA, *Expert afiliat, Centrul pentru Studiul Democrației* (Espert Affiljat, Ċentru għall-Istudju tad-Demokrazija), u *Co-fondator, Cooperativa de Energie* (Kofundatriċi, Osservatorju Rumen tal-Faqar Enerġetiku), għall-ħatra bħala membru tal-KESE għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2025.

3. Skont l-Artikolu 302 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri tal-KESE wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni.

[1] 7754/23.
[2] 12974/23.

4. Il-Kummissjoni ġiet ikkonsultata dwar in-nomina fl-21 ta' Settembru 2023 u tat opinjoni favorevoli fis-27 ta' Ottubru 2023[3].

5. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 14491/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---

[3] C(2023) 7128.